# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum il-Gimgha 9 ta' Frar, 2024

**Rikors Ġuramentat 344/2018MH**

**Numru:**

**Nemea Bank p.l.c**

**Vs**

**Henrik Lindfors**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess u mitlub illi:-

1. *Illi l-Bank rikorrenti kien liċenzjat sabiex iforni servizzi bankarji f'Malta ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta) u daħal f'self wara Term Sheet datata għaxra (10) ta' Gunju 2014 mal-konvenut Henrik Lindfors (Dokument hawn anness u mmarkat DOK NB 1);*

2. *Illi l-Bank rikorrent kkonċeda faċilitajiet bankarji lill- konvenut Henrik Lindfors sa massimu ta' mitejn elf ewro (EUR 200,000) skont it-termini,*

*il-kundizzjonijiet u l-garanziji dettaljati kontenuti fl-istess Term Sheet liema Term Sheet.*

3. *Illi l-konvenut ġibed l-ammont indikat fil-faċilita' bankarja u dan skond id-Drawdown Request datata dsatax (19) ta' Gunju 2014 hawn annessa u mmarkata bħala Dokument NB 1A, liema Drawdown Request ġiet iffirmata mill-konvenut Henrik Lindfors;*

4. *Illi fil-21 ta' Novembru 2016 l-intimat Henrik Lindfors gie mitlub ihallas il-pagament tal-imghax dovut that il-facilitajiet bankarji sa mhux iktar tard mid-19 ta' Dicembru 2016 (ara hawn annessa l-ittra mmarkata bhala Dok NB 3), izda huwa naqas milli jhallas l-pagament mitlub u b'hekk kiser wahda mit-termini u l-kundizzjonijiet tal-facilitajiet hawn imsemmija inkluz il-klawzoli fit-term sheet intitolati "Reference Rate, Margin and Applicable Interest", "Repayment" and "Repayment method" fit-Term Sheet;*

5. *Ili tali inadempjenza tat lok għal event of default ai termini tal-Klawżola tat-Term Sheet intitolata "Events of Default" u kien għalhekk illi f' l-24 ta' Frar 2017 il-Bank rikorrent skatta l-mekkaniżmu kuntrattwali kontemplat u maqbul bejn il-partijiet u bagħat lill-konvenut "Notice for Payment regarding Loan to Henrik Lindfors drawn down on the 19 June 2014" li giet emendate b'ittra sussegwenti tal-15 ta' Marzu 2017 (ara hawn annessi u mmarkat bhala Dok NB 4 u Dok NB 5), liema ittri gew notifikati lill-intimate Henrik Lindfors permezz ta' email datata 28 t'April 2017 (ara hawn anness u mmarkat bhal DOK NB 6);*

6. *Illi permezz tal-imsemmi avviż il-Bank intima lill-konvenut Henrik Lindfors is-segwenti:*

*"Accordingly through this letter, the Bank is (i) declaring that the Loan, all interest accrued and all other sums payable by the Borrower under the Loan and/or the Term Sheet are immediately due and payable including the loan service fee in terms of the clause "Other Fees and Charges"; (ii) terminating all or any obligations of the Bank under the Loan and/or the Term Sheet; and (iii) therefore calling you to pay forthwith to the Bank the sum of one million two hundred and two thousand six hundred and sixteen euro and sixty seven euro cents (€202,616.67), as set out in the attached Schedule A, together with interest until date of effective payment."*

7. *Illi minkejja li dan l-avviż, l-konvenut, baqa' sal-lum inadempjenti u hija għal din ir-raġuni li kellha ssir din il-kawża quddiem din il-Qorti li hija l-Qorti kompetenti li tisma' tali vertenza ai temrini tal-klawżola "Legal Disputes" tal-istess Term Sheet;*

*Għaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu il-konvenuti jew min minnhom għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-Bank rikorrenti Nemea Bank p.l.c. u jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet/kundizzjonijiet imsemmija fit-Term, partikolarment iżda mhux limitatament billi l-konvenut s-Sur Henrik Lindfors naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lill-Bank rikorrent kif stipulat u kuntrattwalment pattwit bejn il-partijiet u/jew peress illi l-konvenutkien inadempjenti f'obbligi oħrajn assunti minnu fil-konfront tal-istess Bank rikorrent;*

2. *Tikkundanna lill-konvenut, sabiex iħallas lill-Bank attur Nemea Bank plc is-somma ta' mitejn u elfejn, sitt mija u sittax-il euro u sebgħa u sittin centezmu (€202,616.67) ai termini tas-self u t-Term Sheet datati għaxra ta' Gunju 2014, flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-24 ta' Frar 2017 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa qed jiġi inġunt in subizzjoni*

Rat li fin-nuqqas ta' notifika tal-konvenut Lindfors, (ara f'dan ir-rigward in-nota tal-marixall Prinċipal John Micallef[1] li ndikat li kull tentattiv li sar biex jiġi notifikat il-konvenut Lindfors barra minn Malta fallit), ġew nominati kuraturi deputati n rappreżentanza ta' l-assenti Lindfors.

Rat għalhekk ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati Dr.Joseph Ellis et.[2] fejn da parti tagħhom ġie eċċepiet illi;-

1. *Illi huma, fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Henrik lindfors ta' Hirvijärventie 844, 11719, Riihimäki, Finlandia, detenur tal-karta tal-identita' bin-nnumru 130660-2016 m'humiex prezentament edotti mil-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eċċezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;*

2. *Illi bla preġudizzju ghas-suespost ghandu jintwera illi Fabio Axisa ghandu7 r-rapresentanza ġudizzjarja tas-socjeta' attriċi u li hu debitament*

[1] Folio 51
[2] Folio 94

*awtorizzat li jirraprezentahha u li jahlef id-dikjarazzjoni tal-fatti tar-rikors ġuramentat promotur;*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

Rat in-nota tal-Kuraturi deputati[3], li tindika l-attentat fallut biex isir kommunikazzjoni mal-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat.

Illi l-bank attur presenta diversi affidavits in sostenn tat-talba tiegħu.

-Fl-affidavit ta' **Fabio Axisa**[4], sieħeb tad-ditta Price Water House Cooper bħala *'competent person'* maħtura mill Awtotrita' MFSA , jagħti stampa ċara ta' dak dovut mill-konvenut Lindfors, passi li ttieħdu għal ġbir tad-dovut lil bank u dan għal protezzjoni tad-depositanti fih, igħid li ġew istitwiti varji kawżi kontra debituri tal-bank, fosthom il-konvenut odjern.

Spjega lil konvenut kien baqa' inadempjenti mill obbligi tiegħu fil-konfront ta' self personali ta' €200,000 u l-interessi pagabbli fuq l-istess. Għamel referenza għal obbligazzjonijiet assunti mal-bank attur, dan kif jidher minn dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat, Dok NB1[5] ukoll għad-dokument riferrenti għad-*Drawn Down Loan Request* li kienet iffirmata mill-istess konvenut, Dok NB2[6]. Jispjega li Nemea Bank ukoll bagħtet *payment requests*, Dok NB 15, maħruġa kull tlett xhur lill konvenut. Spjega l-interessi li kienu qed jakkumulaw kontra is-somma prinċipali msellfa. Qal ukoll li la skatta d-*default payment* ħarġu 'l hekk

[3] Folio 98
[4] Folio 102
[5] Folio 11
[6] Folio 14

imsejjaħ *Notice for Payment regarding Loan* to Hendrik Lindfors datata 19 June, 2014, Dok NB4.

Qal li nonostante l-*payment notices* li ntbagħtu lid-debitur, dana baqa' nadempjenti anke nonostante li sar kuntatt miegħu minn diversi rappreżentanti tal-Bank. Iżid li kien hemm okkazzjoni fejn id-debitur konvenut kien irrikonoxxa l-interessi dovuti b'email mibgħuta lil David Herrera li fiż-żmien relevanti kien il-kap tal-Marketing Communications and Client Services mal bank attur. F'dan ir-rigward ġiet esebita email mibgħuta mill-konvenut lil Herrera, Dok NB18[7].

**In kontro-eżami[8] Axisa** jirrispondi li hu kellu r-rappresentanza tal-Bank attur kif maħtur mill-MFSA. Qal ukoll li kien ġie appuntat likwiditatur Micheal Spiteri Bailey biex din l-entita' attriċi tiġi likwidata.

Spjega li kienu saru attentati anke ġewwa l-Finlandja biex jsiru kuntatti mall-konvenut li skontu kellu anke f'disputi ma azzjonisti tal-bank Finlandiż.

**David Herrera** fl-afffidavit tiegħu[9] spejga dwar il-korrispondenza li kienet għaddiet bejnu u bejn Lindfors meta kien għadu impjegat mal bank attur. Tkellem ukoll dwar rikonoxximent li Lindfors kien għamel tramite email ta' interessi dovuti minnu għal perjodu speċifiku fir-rigward tas-self personali li sar lilu, dan ġia riferut fid-dokument NB18. Igħid li nonostante li baqa' jikkomunika mad-debitur fuq d-dovut, b'mod partikolari l-interessi mensili dan baqa' inadempjenti. Minħabba lil konvenut kien waqa' *in default* ħarġu żewġ *call-ins*, esebiti bħala NB4[10] u NB5[11], dawn kommunikati lil Linfors skont dok NB6[12].

Da parti tiegħu **Micheal Spiteri Baliey** presenta affidavit[13] jispjega li n forza tal Banking Act , Kap 371 hu ġie maħtur biex jassumi kontrol tħaddim tan-Nemea Bank u ġie appuntat Kontrollur ta' l-istess ai termini ta' l-istess Att.

L-iskop tal-ħatra tiegħu kien il-*winding down* u *liquidation* ta' l-istess Bank attur.

[7] Folio 140
[8] Folio 174a
[9] Folio 141
[10] Folio 16
[11] Folio 18
[12] Folio 19
[13] Folio 177

Qal li mill-ħatra tiegħu, hu kien ħa l-kontroll tal-assi kollha tal-bank bl-iskop ta' redistribuzzjoni ta' flejjes għal interess tad-depositanti u kredituri oħra tiegħu. Kellu ukoll l-iskop li jfittex jirkupra kull somma dovuta lil bank għal dan ll-iskop.

Ikkunsidrat.

Illi l-Qorti rat ukoll iż-żewġ noti li presenta l-Bank attur u dan fil-konfront ta' l-interessi migmugħa sad-dati hemm stipulati; dik datata 20 ta' Novembru, 2020[14] u oħra aktar riċenti 17 ta' Marzu, 2023. F'dik ta' l-aħħar sad-data tas-26 ta' April, 2023 l-ammont mitlub kien dak ta' mitejn elf ewro (€200,000) bħala s-somma prinċipali mislufa u s-somma ta' erbgħin elf, mija u sitta u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€40,166.67) bħala interessi.

**Qieset tenut dak kollu premess li ma hemm ebda raġuni fil-liġi għala t-talba tar-rikorrenti m'għandiex tintlaqa', konsegwentement qegħda taqta' u tiddeċiedi billi;**

**Tiddikjara li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet/kundizzjonijiet imsemmija fit-Term Sheet, partikularment iżda mhux limitatament billi l-konvenut Henrik Lindfors naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lil Bank Nemea kif stipulat u kuntrattwalment pattwit bejn il-partijiet u/jew peress illi l-konvenut kien inadempjenti f'obbligi oħrajn assunti minnu fil-konfront tal-istess Bank rikorrenti;**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-Bank attur Nemea Bank plc is-somma ta' mitejn elf ewro (€200,000) ukoll is-somma ta' somma ta' erbgħin elf, mija u sitta u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€40,166.67) bħala interessi dovuti sas-26 ta' April, 2023, ukoll l-interessi oħra kollha dovuti sad-data tal-ħlas effettiv.**

[14] Folio 166

**Bl-ispejjeż għal konvenut.**

**Onor. Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Lorraine Dalli**

**Dep Reg**